Minuti tal-Laqgħa Nru. 8 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar l-Erbgħa, 23 ta' Diċembru 2015 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sra. Denise Cutajar |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sur. Eric C Camilleri<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Resumé tas-sena 2015
5. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
6. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li fl-attendenza hija trid tkun imniżżla bil-kunjom Camilleri Schembri.

1.2 Il-Kunsillier Caruana semma li fuq punt 3.25 din trid tkun Triq il-Kunsill tal-Ewropa k/m Triq il-Gudja.

## 2.0 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li l-ilmenti li hija kienet ressqet fuq il-bajtar tax-xewk fejn hemm l-Airport.

2.2 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li kienet saret objection fuq il-kamra tan-nar li kellha ssir minn naħa tal-Każin tal-Unjoni kienet saret objection fuqha peress li din tinsab f' ODZ, imma din ma saritx minn naħa tal-Kunsill Lokali.

2.3 Is-Sindku qal li rridu noqgħodu attenti fuq x' deċiżjonijiet li nieħdu fejn jirrigwardaw l-għaqdiet biex ma ssirx ħsara lilhom.

2.4 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri semmiet li fil-laqgħa preċedenti hija saqsiet fuq il-bus shelters. Is-Sindku semma li huwa diġa kien talab biex dawn isiru lill-uffiċċjali tat-Transport Malta. Huwa qed iżomm kuntatt magħhom.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa kif konna bqajna fuq l-istatwa ta San Tumas. Is-Segretarju semma li llum suppost li saret.

3.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa meta se jitnaddfu l-water culverts. Is-Sindku semma li issa se nibdew bil-kennies normali u għalhekk il-ħaddiema tal-Kunsill ikunu jistgħu jagħmlu xogħol ieħor. Huwa qal li se jippjana biex dawn isiru l-ġimgħa d-dieħla.

3.3 Is-Sindku qal li l-knies ser jibda l-ġimgħa d-dieħla bil-kuntrattur il-ġdid. Huwa qal li imbagħad il-ħaddiema tal-Kunsill ikunu jistgħu jagħmlu xogħolijiet oħrajn li jkun hemm bżonn. Is-Sindku qal li issa l-ġimgħa d-dieħla nagħmlu laqgħa miegħu.

3.4 Il-Viċi Sindku semmiet li hemm bżonn li jsir dotted line fi Triq il-Gudja, billi f' din it-triq ikun hemm karozzi li qed isuqu perikoluż u riċentament kien hemm ukoll inċident.

3.5 Il-Kunsillier Caruana semma li kellha issir bozza fi Triq l-Iskola. Huwa qal li hawn qed ikun hawn l-abbużi. Is-Segretarju qal li diġa kien bagħat lil Enemalta biex jiċċekkja fiex waslet l-applikazzjoni.

3.6 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn li jsir double yellow line fejn hemm id-daħla għall Ħal Farruġ fejn hemm il-Melita billi l-karozzi jduru f' daqqa fuq dawk li hemm ipparkjati. Is-Sindku semma li fil-kantuniera hemm liġi awtomatika li ma tistax tipparkja inqas minn ċertu distanza. Huwa qal li xorta se jara biex isiru l-linji li hemm bżonn.

3.7 Is-Sindku ressaq tlett kwotazzjonijiet biex ikun hemm servizz ta tindif ġewwa l-Kunsill. Huwa semma li kien hemm waħda ta Katie Galea li kienet l-orħos kwotazzjoni. Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku u l-Kunsillier Bruno. Il-Kunsilliera l-oħra qablu li tintgħażel dil-persuna biex tagħti servizz ta tindif.

3.8 Il-Viċi Sindku saqsiet kif konna bqajna fuq tal-librerija. Is-Sindku semma biex nibgħatu email lill-Ministru responsabli u mmorru inkellmu lilu mill-ewwel.

3.9 Il-Kunsillier Camilleri qal li huwa rigward l-attivita kulturali ta' Mejju anki jekk il-Kunsill ma jingħatax fondi, se jippjana li ssir xi ħaġa biex nfakkru dil-ġurnata.

3.10 Il-Kunsillier Bruno semma li fil-Kumitat taż-Żgħażagħ kien hemm żewġ żgħażagħ oħra li ssieħbu f' dal-Kumitat u li huwa se jibqa jfittex li jkun hemm membri oħra. Huwa qal li kien tkellem mal-Onor. Chris Agius li dan issuġġerillu biex il-quddiem nissieħbu fl-Aġenzija żgħażagħ.

## 4.0 RESUME TAS-SENA 2015

4.1 Is-Sindku semma li issa saret drawwa li l-aħħar laqgħa tas-sena nsemmu resume ta' x' kien sar matul dik is-sena. Huwa ppreżenta rapport ta' x' sar u ma sarx matul is-sena fejn spjega li s-sena kienet karateriżżata l-aktar miż-żewġ proġetti kapitali li kienu l-Family Park u dak tal-Uffiċċju Amministrattiv.

4.2 Is-Sindku semma li fuq il-proġett tal-Family Park applikkajna biex ningħataw aktar fondi u saret talba li ġiet milqugħa u ġibna madwar € 110,000 oħra. Huwa semma li dawn ingħataw fuq il-ġibjun, il-ħajt u l-ħamrija.

4.3 Fuq l-infrastruttura s-Sindku qal li saru Triq ir-Rixtellu u Triq Ħal Saflieni li dawn bejniethom swew madwar € 60,000. Huwa semma li Triq ir-Rixtellu din kienet urġenti li ssir minħabba l-istat tagħha u għalhekk saret qabel ma tinbena t-Triq kollha għax kienet diffiċli għall dawk li jagħmlu użu minnha, imma ħadd mir-residenti ma jaf dan il-fatt.

4.4 Fuq it-trasport pubbliku s-Sindku qal li kellu laqgħa ma' uffiċċjali tat-Transport Malta fuq dan is-suġġett. Huwa qal li anki se jsiru bus shelters ġodda viċin Triq Patri Indri Schembri.

4.5 Il-Viċi Sindku qalet li din is-sena saru diversi korsijiet edukattivi fosthom tal-komputer, Zumba, cake decorating etc.

4.6 Is-Sindku semma li ta' kuljum ikun hemm diversi persuni li jiġu l-Kunsill biex jkellmuh u jressqu ilmenti ġodda li huwa jgħaddihom lill-entitajiet konċernati.

**5.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET**

5.1 Il-ħlasijiet ġew approvatti.

**6.0 AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar l-Erbgħa 23 ta' Diċembru 2015 fis-7.15 pm. Ma kienx hemm ġurnata proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2015.

______________________
John Schembri
Sindku

______________________
Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv